MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 116/1983/1

**Francis Theuma fil-kwalita` tieghu ta' Kuratur ta' l-assenti Francois Sultana bhala eredi ta' missieru Paolo Sultana nominat in forza ta' digriet tal-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili, Gurisdizzjoni Volontarja tat-30 ta' Gunju 1982, u debitament awtorizzat b'digriet iehor tal-4 ta' Awwissu 1983**

**v.**

**Vincenza Theuma u Dottor Alfred Grech u PL Marcel Mizzi kuraturi biex jirrapprezentaw lill-ereditajiet gjacenti ta'**
**Angela, Maria u Paul ahwa Theuma nominati in forza ta' digriet ta' din il-Qorti wara protest gudizzjarju**

**tal-14 ta' Gunju, 1983**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attur Francis Theuma fil-kwalita` tieghu premessa minn sentenza moghtija mill-Qorti ta' Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fis-26 ta' Gunju 2006, liema sentenza se tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:
"Il-Qorti ,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur nomine, wara li ppremetta:

"Illi bis-saħħa ta' kuntratt tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-24 ta' Novembru, 1978 (Dok. A) Brother Emanuel Theuma bħala mandatarju ta' Angela, Maria u Paul aħwa Theuma biegħ lil konvenuta Vincenza Theuma li xtrat l-għalqa tal-Ħarruba sive tal-Balel f'Parsott Street, fix-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' nofs tomna sive ħames mija u tnejn u sittin metru kwadru (562mk) tmiss minn nofsinhar ma' ġid ta' Emanuel Sciberras, lvant ma' ġid ta' Teresa Tabone u Tramuntana ma' ġid ta' Maria Sultana, libra u franka bid-drittijiet tagħha (indikata fl-annessa pjanta Dok. b), u dana in korrispettiv tal-prezz ta' tlett mitt lira (Lm300);

"Illi l-imsemmi Brother Emanuel Theuma fil-kwalita` fuq imsemmija ddikjara illi l-imsemmija art ġiet għandhom mill-wirt ta' Carmel u Caterina miżżewġin Theuma li mietu t-tnejn fis-sena 1947 (ara alberu ġerealoġiku Dok. C);

"Illi l-imsemmija għalqa qatt ma kienet tappartjeni lil wirt ta' l-istess Carmel u Caterina miżżewġin Theuma, u lanqas lilhom kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, iżda kienet tappartjeni lil Paolo Sultana u lill-eredita` tiegħu (ara Dok. D) billi kienet ġiet assenjata lilu fid-diviżjoni atti Nutar Onorato Giovanni Refalo tat-3 ta' Lulju, 1894.

“Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. Għaliex l-attur fil-kwalita` tiegħu fuq imsemmija m'għandux jirrivendika l-imsemmija għalqa tal-Ħarruba sive tal-Babel f'Parsott Street, Xagħra, Għawdex, u li għaliex konsegwentement l-istess att tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-24 ta' Novembru, 1978 m'għandux ikollu effett għar-rigward ta' l-istess għalqa.

“Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Protest uffiċjali tal-14 ta' Gunju, 1983, kontra l-konvenuti li jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine debitament maħlufa minnu.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Vincenza Theuma li eċċepiet illi:
“1. Preliminarjament l-illeġittimita` tal-persuna ta' Dr. Alfred Grech u tal-P.L. Marcell Mizzi bħala kuratur tal-eredita` tal-mejtin Maria, Angela, u Pawlu aħwa Theuma. Billi l-istess wirtijiet ma humiex ġjaċenti.

“2. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi r-raba "Tal-Ballal" imsemmi fiċ-ċitazzjoni bħala appartenenti lill-wirt ta' Pawlu Sultana mhuwiex dak indikat mill-attur fil-pjanta minnu esebita Dok B u lanqas dak akkwistat mill-konvenuta fil-kuntratt tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri tal-24 ta' Novembru, 1978.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta maħlufa minnha.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Alfred Grech u P.L. Marcell Mizzi, fil-kwalita` tagħhom premessa, li biha eċċepew illi:

“1. Li huma jassoċjaw ruħhom mal-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuta Vincenza Theuma.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa mill-Avukat Dottor Alfred Grech.

“Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Novembru 1984 li bih ġie nominat Dottor Franz Refalo bħala perit legali u l-A.I.C. Guido Vella bħala perit tekniku.

“Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Jannar 1988 fejn irrevokat l-inkarigu tal-periti ġudizzjarji u poġġiet il-kawża *sine die.*

“Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Marzu 1988 fejn, fuq talba ta' l-attur nomine, reġgħet ir-riappuntat il-kawża.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Vincenza Theuma tad-29 ta' Awissu 1988 li biha eċċepiet:

“1. Illi hemm kawża ta' spoll fl-ismijiet "Vincenza Theuma – vs – Francis u Mary Theuma et" (Ċitazzjoni Nru. 100/83 differita għall-11.10.1988) pendenti fuq l-għalqa in kawża, u għalhekk l-azzjoni odjerna ta' rivendika ma tistax timxi iktar qabel ma tinqata' definittivament l-azzjoni privileġġjata.

“2. Illi n-nomina ta' kuratur ta' Francis Theuma sabiex jirrappreżenta lil Francois Sultana hija nulla peress li huwa l hu werriet preżuntiv tal-istess Francois Sultana u lanqas għandu interess legali li jamministra l-beni tiegħu jew li jieħu dawk il-provvedimenti l-oħra meħtieġa sabiex tiġi mħarsa l-proprjeta` tiegħu;

“3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nomina msemmija hija nulla peress li ma nġiebet ebda prova li Francois Sultana jeżistix jew le fir-rejalta';

“4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nomina msemmija hija nulla peress li Francois Sultana, jekk verament qatt eżista, ma jaqax taħt it-tifsira ta' assenti skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 193 ta' Kap 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta;

“5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur ma jista' jitlob ebda jekk f'isem Francois Sultana, li mhux magħruf jekk jeżistix, jew, jekk qatt eżista, jekk hux ħaj jew mejjet, peress li naqas li jipprova li Francois Sultana kien ħaj fiż-żmien li nħoloq il-jedd pretiż f'dina l-kawża;

“6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur għandu jipprova li l-imsemmi Francois Sultana huwa werriet ta' missieru.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, minnha maħlufa.

“Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Frar 1990 fejn laqgħet it-talba tad-difensuri tal-kontendenti għall-allegazzjoni tal-process tal-kawża fl-ismijiet: "Francis Theuma vs. Dr.Alfred Grech noe." (cit. 117/83), ċeduta quddiem din il-Qorti.

“Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju 1992 fejn, fuq talba tad-difensur ta' l-attur ordnat l-allegazzjoni tal-proċessi tal-kawżi fl-ismijiet: "Vincenza Theuma vs Francis Thuema" (ċitaz. nru. 100/1983 u ċitaz. nru. 122 jew 112/1983 rispettivament).

“Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru 1992 fejn ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Volontarja tagħha li bihom l-attur ġie nominat kuratur ta' l-assenti Francois Sultana.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Vincenza Theuma tal-21 ta' Mejju 1993 li biha eċċepiet:

“1. Illi dawn il-proċeduri huma kollha frawdolenti peress illi Francois Sultana, li tiegħu l-attur suppost huwa kuratur, ma jeżistix u vvintah l-attur biex jipprova jieħu l-ghalqa mertu ta' din il-kawża, mingħand il-konvenuta kif għamel fil-każ ta' Michael Sultana li qal li kien assenti għal aktar

minn ħamsin sena meta fil-fatt dana kien miet ix-Xagħra Għawdex;

“2. Illi għalhekk l-attur għandu fl-ewwel lok jipprova li fil-fatt Francois Sultana fil-fatt jeżisti, ħaġa illi ma għamilx bl-ebda mod quddiem l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja u fin-nuqqas għandhom jittieħdu passi kontra tiegħu għal frode u għal ġurament falz fid-dikjarazzjoni meta ddikjara li Pawlu Sultana kellu tifel Francois;

“3. Illi fil-fatt l-indikazzjonijiet kollha huma li Pawlu Sultana miet ġuvni b'Bona.

“Rat in-nota tal-konvenuta Vincenza Theuma tal-11 ta' Mejju 2004 li biha irtirat l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tagħha mogħtija bin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-21 ta' Mejju 1993.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess konvenuta tal-11 ta' Mejju 2004 ukoll li biha eċċepiet:

“1. Illi l-art minnha mixtrija bil-kuntratt ta' kompra/vendita tal-24 ta' Novembru 1978 atti Nutar Joseph Spiteri mingħand missierha Paul Theuma u ħutu Angela u Maria xebbiet Theuma, mertu ta' din il-kawża ġiet għand il-vendituri mill-wirt u suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom, Carmelo u Caterina konjuġi Theuma li mietu rispettivament fis-17 ta' Marzu 1947 u 4 ta' Mejju, 1947 u kienet ġiet denunzjata minn bithom il-venditriċi, Maria Theuma bħala item 3 fiż-żewġ denunzji kif jidher mill-istess denunzji li kopji tagħhom qed jiġu esebiti u markati Dok Vt 1 u dok VT 2;

“2. Illi l-attur anqas ma rnexxielu jipprova illi l-art li messet lill-mejjet Paolo Sultana bil-kuntratt ta' diviżjoni tat-3 ta' Settembru 1894 atti Onorato Giovanni Refalo, li fuqu qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu l-attur nomine, ma hija l-art mixtrija mill-konvenuta bil-kuntratt tal-24 ta' Novembru 1978 atti Nutar Joseph Spiteri;

“3. Illi anki kieku kellu għal grazzja tal-argument jiġi pruvat illi l-art mixtrija mill-konvenuta hija dik li kienet messet lil Paul Sultana bid-diviżjoni tal-1894 l-azzjoni

odjerna hija preskritta kemm bil-preskrizzjoni decennali (Art 845(c) kif ukoll dik trentennali billi l-imsemmi Paul Sultana, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu esebit mill-attur nomine stess miet fid-9 ta' Novembru 1923 u qatt ma saru proċeduri mill-werrieta tiegħu biex jieħdu f'idejhom l-art in kwistjoni li kif jidher mid-denunzji ta' Carmelo u Caterina Teuma fuq esebiti għal anqa mill-1947 kienu qed jiġu posseduti mill-awturi tal-konvenuta u hekk baqgħu posseduti ininterrottement;

"4. Illi għalhekk anki a bażi ta' dawn l-eċċezzjonijiet d-domandi attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.
"Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Jannar 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti, fosthom l-atti tal-kawżi Nri. 100/1983 u 117/1983 fuq imsemmija.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża rivendikatorja. Dwar din l-azzjoni il-**Pacifici Mazzoni** jfisser illi:

"*La proprieta` … e` un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo` rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria …. L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione …. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta`, che e` il fondamento della*

*sua azione. Ne puo` pretendere invece di provare che il diritto di proprieta` manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta`, il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa,melior est conditio possidentis*** *…. La prova dev'esser piena: appunto perche` il diritto, che ne forma l'oggetto, e` il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta` non puo` risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau*, che una prova cosi` rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* ***probatio diabolica.*** *Sembra quindi che per equita` non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che` pure sussidiato dalla presunzione della proprieta` annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

*"1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta`, consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta`, purche` il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto ….

*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta`, e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita` della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi …..*

*3. Allorche` l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il*

*reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato; ….*

*Del resto la prova della propreta` puo` farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo` sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[1]

"Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-Qrati tagħna jispjegaw illi:

"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta` fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaħa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX. II. 488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez. XXXII. I. 282; XXXIII. II. 266; XXXV. I. 518; XXXVII. I. 105;*"[2]

"Hekk ukoll ingħad illi:

---

[1] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; vol. III. # 131 - 134, p. 207et seq.

[2] Appell Civili: Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg: 17.11.1958; Kollez. vol. XLII. pt. I. p. 575.

"*Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li* ***l-konvenut ikun qed jippossediha.***

"*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu*".[3]

"Imma qabel ma nidħlu fil-mertu, jenħtieġ li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-konvenuti:

"1. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tirrigwarda l-illeġittimita` tal-persuni tal-konvenuti Dr. Alfred Grech u l-P.L. Marcell Mizzi nomine bħala kuraturi ta' l-eredita` tal-mejtin Maria, Angela, u Pawlu aħwa Theuma, billi l-istess wirtijiet ma humiex ġjaċenti. Il-persuni msemmija kienu rispettivament iz-zijiet xebbiet u missier il-kontendenti aħwa Theuma. Irriżulta illi dawn biegħu diversi proprjetajiet lill-kontendenti matul ħajjithom, u ma nġiebet ebda prova li xi ħadd, in segwitu għal mewt tagħhom, kien aċċetta l-wirt tagħhom. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi minnufih respinta.

"2. Il-konvenuta Vincenza Theuma bl-ewwel eċċezzjoni fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tagħha tad-29 ta' Awissu 1988 eċċepiet illi kien għad hemm pendenti kawża ta' spoll bejn l-istess kontendenti u għalhekk dik preżenti ma setgħetx timxi qabel ma tinqata' definittivament dik il-kawża. Il-kawża msemmija (cit. 100/1983) inqatgħet quddiem l-Appell fit-13 ta' April 1992, u nfatti din l-eċċezzjoni ġiet sussegwentement irtirtata mill-istess konvenuta fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha.

---

[3] Giuseppi Abela vs John Zammit: P.A. 16.5.1963.

"3. Ingħataw ukoll diversi eċċezzjonijiet dwar in-nullita` tal-ħatra ta' l-attur bħala kuratur ta' l-assenti Francois Theuma u anke nxteħet dubbju dwar l-eżistenza o meno tiegħu. Li din il-persuna fil-fatt kienet tassew teżisti rriżulta minn dokumenti li ġew esebiti fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża,[4] u nfatti l-konvenuta rtirat l-eċċezzjoni relattiva fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha. Dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra f'dan ir-rigward, din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn l-eċċezzjonjiet ma setgħux validament jitressqu snin wara li kienet ġiet istitwita il-kawża preżenti, u wara li kienu ġia laħqu nstemgħu diversi provi dwar il-mertu. Bħala eċċezzjonijiet preliminari ta' nullita` kellhom jitressqu *in limine litis* u ma kien hemm xejn xi jżomm lill-konvenuta milli tqajjimhom fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali tagħha. Għal din ir-raġuni dawn l-eċċezzjonijiet preliminari kollha, għajr dawk irtirati mill-konvenuta stess, qed jiġu miċħuda.

"Fil-mertu mbagħad nsibu illi l-attur nomine qed jibbaża t-titolu ta' l-assenti li lilu qed jirrapreżenta f'dawn il-proċeduri, fuq kuntratt ta' qasma li permezz tiegħu Paul Sultana, missier l-assenti Francois, kien ġie assenjat:

"… ***il giardino posto in Casale Caccia Gozo, denominato tal-Harruba sive tal-Balal nella contrada tal-Ghejjun della capacita` di due mondelli e cinque misure confinato da mezzodi' con beni di Luigi Luigi Cassar e da tramontana con beni di Paolo Sultana***."[5] Dan Paul Sultana kien jiġi missier Francois Sultana li tiegħu huwa kuratur l-attur nomine.

"Imma l-konvenuta tikkontendi fost ħwejjeġ oħra:

"(i) illi l-proprjeta` msemmija fil-kuntratt li fuqu qed jibbaża it-titolu tiegħu l-attur nomine mihiex l-istesss art mixtrija minnha mingħand missierha u ħutu, u konsegwentement

---

[4] ara dokti. FT. 1 sa FT. 5 a fol. 115 - 118 tal-process..
[5] Ara kuntratt in atti Nutar Onorato G. Refalo tat-3.7.1894 u insinwa relattiva (Dok. D anness maċ-ċitazzjoni).

“(ii) m'hemm l-ebda lok għar-rivendika ta' l-art minnha akkwistata.

“A bażi tal-prinċipji stabiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, minkejja illi l-konvenuta qed teċċepixxi titolu ta' proprjeta`, u għalhekk il-prova ta' dan taqa' fuqha, irid madankollu jiġi stabilit qabel xejn u b'mod definittiv jekk l-art li qed jipprova jirrivendika l-attur nomine hijiex l-istess waħda li kienet ġiet assenjata lil Paul Sultana kif fuq ingħad. Il-konvenuta akkwistat l-art tagħha mingħand missierha u z-zijiet tagħha permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-1978[6]. Fuq dan l-att, l-art in vendita kienet ġiet deskritta hekk:

"*l-għalqa imsejħa ‘tal-Gebel' jew ‘tal-Harruba' li qiegħda f'Parisott Street, Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' nofs tomna sive ħames mija u tnejn u sittin metri kwadri (562m.k.) tmiss minn nofsinhar ma' ġid ta' Emanuel Sciberras, lvant ma' ġid ta' Teresa Tabone u tramuntana ma' ġid ta' Maria Sultana, libera u franka bid-drittijiet tagħha* …"

“Fuq l-istess att ġie dikjarat illi l-art in vendita kienet provenjenti lill-vendituri mill-eredita` tal-ġenituri tagħhom Carmel u Caterina konjuġi Theuma. Infatti mid-denunzji ta' din Caterina Theuma, jirriżulta illi kien ġie dikjarat *inter alia* illi kellha:

" *il-proprjeta` ta' biċċa għalca Qortin imsejħa tal-parsot ta cheil ċirċa erba (4) sigħan Xagħra Għawdex li tmiss mill-lvant mal-beni ta' Mikieli Xiberras, minn Nofs inhar mal beni ta' Salvu Masini u mil punent ma triq ta' Parsot soġġetta għal ħlas ta' 1s.3d fis-sena* …".[7]

“Irriżulta wkoll illi din Caterina Theuma kien messha żewġ porzjonijiet raba' f'dawn l-inħawi fil-qasma li kienet saret permezz tan-Nutar Onorato Giovanni Refalo fl-1894. Infatti minn dak il-kuntratt jidher illi din ħadet:

---

[6] ara kuntratt in atti Nutar Joseph Spiteri ta' l-24.11.1978 (Dok. A a fol. 5 - 6 tal-process
[7] ara kopja tad-denunzja relattiva ta' Caterina Theuma tal-21.6.1947; para. 4 a fol. 181 . verso tal-process.

"*1. Una porzione di terra denominata tal-Balal posta nella Caccia e nella contrada tal-Ghejun … la quale e' della' capacita` di mondello uno …: u*

"*2 …. l'intera porzione di terra denominata tal-Balal, posta nella Caccia e nella contrada tal Ghejun … della capacita` di mondelli quattro e misure cinque, confinata da levante con beni di Andrea Xiberas, da mezzodi' con beni di Salvatore Gauci e da ponente con la strada tal Ghejun …*" [8]

"Fl-inventarju li għamel l-attur nomine meta ġie biex jassumi l-kurazija ta' l-assenti Francois Sultana, u li sar anqas minn erba' snin wara li kienet akkwistat l-art tagħha l-konvenuta, huwa ddeskriva l-art li kellu fl-istess inħawi l-assenti b'dan il-mod:

"(*b*) *il-biċċa art imsejħa 'tal-Harruba' sive 'ta' Parsott' fix-Xagħra tal-kejl ta' ċirca erba' mija u ħamsin metri kwadri (450 sq.m.) u konfinanti mit-tramunata ma' beni ta' Emanuel Sultana, nofsinhar ma' beni ta' ċertu Attard u punent ma' Triq Parisott, soġġetta għal ħames ċenteżmi u ħames milleżmi piż piju annwu u perpetwu …*" [9]

"Din id-deskrizzjoni taqbel kważi perfettament ma' deskrizzjoni mogħtija mill-A.I.C. Joseph Dimech tal-1974 f'rapport u stima li kien ipprepara fl-okkażżjoni illi l-attur Francis Theuma kien ser jakkwista diversi beni mingħand missieru u z-zijiet tiegħu, liema art pero' kienet tħalliet barra minn dak l-akkwist. Dakinhar biċċa raba "*tal-Harruba, sive Ta' Parsott*" fil-pussess tal-familja Theuma, kienet ġiet deskrita hekk:

"*Dan il-fond huwa fabbrikabbli u tal-kejl ta' ċirka sigħan u erba' kejliet (2mon. 4mis.) u jmiss tramuntana ma' beni ta' Emmanuel Sultana, nofsinhar ma' beni ta' … Attard u punent triq Parsott. Dan il-fond huwa soġġett għal-ħames*

---

[8] ara kuntratt imsemmi a fol. 21 tal-process.

[9] ara inventarju redatt min-Nutar Michael Refalo fid-19.7.1982 (Dok. P a fol. 93 - 94 tal-process).

*ċenteżmi u ħames milleżmi (5c5m) ċens fis-sena in perpetwu …*" [10]

"Minn eżami ta' dawn l-atti kollha wieħed jista' jasal biex jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

"1. il-kejl: kemm-il darba l-attur nomine qed jibbaża t-titolu tiegħu fuq l-assenjazzjoni li kienet saret lil Paul Sultana fl-1894, il-kejl ta' l-art li messet lilu suppost li huwa ta'*: "due mondelli e cinque misure*",[11] u għalhekk 469 metri kwadri. Fl-inventarju tal-beni ta' Francois Sultana ingħata kejl ta': "*cirka erba' mija u ħamsin metri kwadri (450 sq.m.)"* [12] Imma dak mogħti fil-kuntratt ta' akkwist da parti tal-konvenuta huwa ta': *"nofs tomna sive ħames mija u tnejn u sittin metri kwadri (562mk*.)" u ċioe' tlieta u disgħin metru kwadru (93m.k.) iżjed minn dak li ġie assenjat lil Paul Theuma, u mija u tnax-il metru kwadru (112m.k) iżjed minn dak dikjarat fl-inventarju;

"2. terġa' fl-istess kuntratt ta' diviżjoni tal-1894, l-art assenjata lil Paul Theuma, ġiet deskritta bħala "*giardino,*" u kif sewwa tosserva l-konvenuta fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha, dan jindika ġnien solitament imdawwar bil-ħitan u mhux għalqa, mentri dik akkwistata mill-konvenuta kienet sempliċement għalqa;

"3. l-irjieħat, ħlief għal dak li jikkonfina mat-triq, huma għal kollox differenti; anke jekk ma noqgħodux fuq dawk mogħtija fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-1894, billi kien ilu ħafna li sar; infatti fl-inventarju magħmul erba' snin biss wara li kienet xtrat il-konvenuta, l-irjieħat ġew mogħtija b'mod differenti u jistrieħu fuq id-deskrizzjoni li kien għamel il-perit Dimech fl-1974, u mhux fuq dawk mogħtija fuq il-kuntratt li bih kienet akkwistat il-konvenuta fl-1978, ħaġa li wieħed kien jistenna li jagħmel l-attur nomine, li kieku kien qed jirreferi għall-istess proprjeta` kif qed isostni fil-kawża preżenti;

---

[10] ara Dok. B a fol. 194 tal-process.
[11] ara Dok. D a fol. 9 tal-process.
[12] a fol 94 tal-process.

"4. il-fatt li Caterina Theuma, omm il-vendituri tal-konvenuta, kienet ġiet assenjata wkoll fl-att ta' diviżjoni tal-1894, biċċa art magħrufa "tal-Harruba" jew "tal-Balal" fl-istess inħawi ta' l-art assenjata lil ħuha Paul Sultana, b'kejl aktar minn dak li akkwistat il-konvenuta, billi r-raba lilha assenjata f'dawk l-inħawi kienet tkejjel: "*mondelli quattro e misure cinque"* (844.2 m.k.) u fin-nuqqas ta' prova illi in segwitu għall-mewt tagħha, (fid-denunzja tagħha ġie dikjarat li kellha nofs tomna), uliedha kienu ddisponew minn din l-art mod ieħor, jindika illi hemm probabilita` tajba illi din, jew ta' l-inqas parti kbira minnha, tassew kienet ir-raba' akkwistata mill-konvenuta.

"Dan kollu jitfa' dubbju serju kemm verament l-art akkwistata mill-konvenuta setgħet qatt kienet l-istess waħda li kienet ġiet assenjata lil Paul Sultana fid-diviżjoni tal-1894 u li fuqha qed jibbaża t-teżi tiegħu l-attur nomine.

"Għaldaqstant, f'tali ċirkostanzi fejn l-attur nomine ma rnexxielhux jipprova fil-grad ta' ċertezza rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili, li l-art deskritta fiċ-ċitazzjoni hija l-istess waħda assenjata lil Paul Sultana fl-att ta' diviżjoni fuq imsemmi, il-konvenuta ma hi tenuta ġġib ebda provi dwar it-titolu tagħha, altrimenti meħtieġa f'kawżi simili ta' rivendika, meta tingħata l-eċċezzjoni tat-titolu, u għalhekk il-kawża preżenti ma tistax tirnexxi.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tilqa' din l-eċċezzjoni tal-konvenuti fuq il-mertu, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur nomine."

<u>IR-RIKORS TAL-APPELL TAL-ATTUR FRANCIS THEUMA</u>

2. L-attur Francis Theuma hassu aggravat mis-sentenza surreferita, u interpona appell minnha. Filwaqt li l-attur nomine qabel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn cahdet l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u qabel ukoll dwar dak li qalet l-ewwel Qorti li l-konvenuta kienet qeghda tibbaza d-difiza taghha fuq il-prova tat-titolu taghha, l-attur appellant ma' qabilx mal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti li ma ngabitx prova sufficjenti li l-art

kontestata kienet effettivament dik li kienet giet assenjata lil Paul Sultana. Illi ghalhekk minn dak li tista’ tara din il-Qorti, l-aggravji tal-appellant huma tlieta jigifieri:

(i) Li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li sighan u hames kejliet jekwivalu ghal 450 metri kwadri. Il-kejl moghti mill-konvenuta fil-kuntratt ta’ akkwist min-naha taghha fl-1978 kien skorrett. Dan invece kellu jkun wiehed ferm qrib tal-kejl ta’ 475 metri kwadri.

(ii) Li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta interpretat il-kelma “giardino” bhala riferribli ghal ghalqa cirkondata b’hitan. Fl-antik tali riferenza kienet issir u tirreferi ghal ghalqa li tkun qeghda tinzamm fi stat ta’ koltivazzjoni ottimu, u mhux xorta ohra.

(iii) Fl-ahharnett, l-attur ihossu aggravat ukoll, ghalkemm huwa ma jissottomettix dan specifikatament, dwar il-mod kif l-ewwel Qorti kkonsiderat il-kwistjoni tal-konfini. B’mod zleali, il-konvenuta ssollevat l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ l-identifikabbilita` tal-art *de quo* meta l-kawza kienet inoltrata, pero` xorta ma ppruvatx li l-identita` tal-ghalqa *de quo* mhix l-istess.

<u>RISPOSTA TAL-KONVENUTA VINCENZA THEUMA</u>

3. Il-konvenuta appellata Vincenza Theuma tissottometti li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija gusta u li ghalhekk ghandha tigi konfermata. L-appellata ssostni li l-eccezzjonijiet preliminari gew michuda mill-ewwel Qorti ghas-semplici raguni li dawn kellhom jingiebu fil-bidu tal-kawza u li din il-kawza interposta mill-attur appellant hija biss montatura sabiex l-attur appellant ikun jista’ jiehu art minghand il-konvenuta appellata.

L-appellata tikkontendi li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija wahda studjata u konvincenti ghaliex l-attur appellant kien jaf li l-art li kienet messha lil Paul Sultana b’kuntratt ta’ seklu ilu ma kienitx l-art tal-esponenti. Skond il-konvenuta appellata hija proprju ghal din ir-raguni li l-attur appellant qatt ma insista sabiex l-ewwel Qorti tqabbad periti biex tigi stabbilita l-identita` tal-art. Illi ghalhekk dan l-appell huwa frivolu.

FATTI MERTU TAL-KAWZA

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-attur appellant, din il-Qorti thoss li jkun aktar opportun li l-ewwelnett taghti sfond qasir tal-fatti mertu tal-kawza:

(i) F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob ir-rivendikazzjoni ta' ghalqa maghrufa bhala "Tal-Gebel" jew "Tal-Harruba" li qeghda fi Triq Parsott, ix-Xaghra, Ghawdex, tal-kejl ta' 562 metri kwadri, liema art giet mibjugha lill-konvenuta permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri datat 24 ta' Novembru 1978;

(ii) Din il-ghalqa nbieghet lill-konvenuta Vincenza Theuma minn huha Brother Emmanuel, li kien qed jidher fuq il-kuntratt bhala mandatarju wkoll ta' Angela, Maria u Paul, ahwa Theuma, ulied il-mejtin Carmelo u Caterina nee` Scicluna;

(iii) Il-provenjenza ta' din l-art hija li dan il-fond gie ghand il vendituri mill-wirt ta' ommhom u missierhom Carmel u Caterina, mizzewgin Theuma;

(iv) Caterina Theuma permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-Atti tan-Nutar Giovanni Refalo li sehhet fit-3 ta' Lulju 1894, kienet giet assenjata zewg bicciet art bin-nominattiv ta' "Tal-Balal" jigifieri,

*"Una porzione di terra denominata "Tal-Balal" … e nella contrada Tal-Ghejun – capacita` un mondello …"* kif ukoll

*"L'intera porzione di terra denominata "Tal-Balal" posta nella Caccia e nella contrada Tal-Ghejun descritta nel primo del preliminare (…) capacita` 4 mondelli e 5 misure;"*

(v) F'dan l-istess kuntratt ta' divizjoni, Caterina Theuma kienet assenjat lil huha Paolo Sultana:

*"un giardino posto in Casale Caccia "Tal-Harruba" sive "Tal-Balal" nella contrada "Tal-Ghejjun" capacita` 2 mondelli e 5 misure."*

(vi) Wara li Caterina Theuma kienet giet assenjata dawn iz-zewg bicciet, it-tnejn maghrufa bhala "Tal-Balal", dawn imbaghad jergghu jidhru meta saret id-denunzja taghha fl-4 ta' Mejju 1947 u huma deskritti bis-segwenti mod:
- Bicca raba imsejha "Tal-Parsott" tal-kejl ta' erba' sighan;
- Bicca raba imsejha "Tal-Balal", tal-kejl ta' sighan fil-contrada Tal-Ghejun;

(vii) Sussegwentement kien hemm kuntratt fl-Atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi datat 1 ta' Mejju 1974, fejn Pawlu, Maria u Angela ahwa Theuma kienu bieghu lill-attur appellant Francis Theuma bicca raba maghrufa bhala "Tal-Balal" tal-kejl ta' siegh u sebgha kejliet;

(viii) Fl-ahharnett irrizulta mill-provi li l-attur appellant kien ghamel inventarju f'isem Francois Sultana u f'dan l-inventarju kien inkluda bicca art imsejha "Tal-Harrub" sive "Ta' Parsott" tal-kejl ta' erba' mija u hamsin metri kwadri (450m) (ara dokument a fol. 93 u 94 tal-atti).

<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

5. L-ewwel aggravju tal-attur appellant huwa li ma jaqbilx mal-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li ma ngabitx prova sufficjenti li l-art kkontestata kienet dik li giet assenjata lil Paul Sultana permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Refalo tat-3 ta' Lulju 1894.

Din il-Qorti ezaminat fid-dettal il-kuntratti li gew ezibiti quddiem l-ewwel Qorti u tista' tikkonkludi li meta saret l-assenjazioni fit-3 ta' Lulju 1894 fl-Atti tan-Nutar Refalo, Caterina Theuma kienet effettivament assenjat lil Paolo Sultana s-segwenti:
*"La porzione di giardino detto 'Tal-Harruba', denominata 'Tal-Balal' – posta nella Caccia, e nella contrada "Tal Ghejjun" della capacita` di due mondelli e cinque misure,*

*confinato da mezzodi con i beni di Luigi Cassar e da tramontana con beni di Paolo Sultana."*

Fl-istess kuntratt Caterina Theuma kienet rceviet zewg bicciet art li wkoll kienu maghrufa bhala "Tal-Harruba" jew "Tal-Balal". Dawn kienu deskritti hekk:
*"Una porzione di terra denominata "Tal-Balal", posta nella Caccia e nella contrada Tal-Ghejun della capacita` di mondello uno, confinata da levante e mezzodi con i beni di Antonio Attard e da tramontana con entrata;"*

*"L'intera porzione di terra denominata "Tal-Balal" posta nella Caccia e nella contrada Tal-Ghejun descritta per intero nel primo del preliminare (…) della capacita` di mondelli quattro e misure cinque, confinato da levante da beni di Andrea Xiberras, da mezzodi da beni di Salvatore Gauci e da ponente con la strada Tal-Ghejun."*

Issa dawn iz-zewg bicciet art li kienu proprjeta` ta' Caterina Theuma mbaghad wiehed jerga' jsibhom fid-denunzja ta' l-istess Caterina Theuma li saret fil-4 ta' Mejju 1947. F'din id-denunzja l-ewwel bicca art li din il-Qorti ddeskriviet aktar 'il fuq issa giet deskritta bhala:

*"Bicca raba tal-kejl ta' circa sighan, imsejha "Tal-Balal", fil-contrada Tal-Ghejun, konfinanti minn nofsinhar ma' sqaq li jiehu ma Triq Parsott u punent ma' beni ta' Emmanuel Sultana…"*

It-tieni bicca art giet issa deskritta bhala:

*"Bicca raba imsejha "Tal-Parsott", tal-kejl ta' erba' sighan u konfinanti mil-lvant ma' beni ta' Michele Xiberras, nofsinhar …. U mill-punent ma' Triq Parsott."*

6. Ghalhekk mis-suespost jidher car li kien hemm numru ta' bicciet ta' raba li kienu maghrufin bhala "Tal-Balal" jew "Tal-Harruba", fejn wahda minnhom giet assenjata lil Paolo Sultana u ohrajn gew assenjati lil Caterina Theuma. Dak li ghandha tikkonsidra din il-Qorti huwa jekk l-art li giet akkwistata mill-konvenuta appellata Vincenza Theuma permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar

Dottor Joseph Spiteri fil-24 ta' Novembru 1978, hijiex l-istess art li kienet giet assenjata lil Paolo Sultana permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-Att tan-Nutar Refalo fit-3 ta' Lulju 1894. Meta din il-Qorti rat id-deskrizzjonijiet tal-art u l-kejl ta' dawn iz-zewg bicciet art hija waslet ghall-istess konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti.

L-ewwelnett ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kejl tal-artijiet, l-attur appellant huwa zbaljat meta fir-rikors tal-appell tieghu jghid li l-ewwel Qorti qalet li l-kejl ta' l-art li giet assenjata lil Paolo Sultana kien ta' erba' mija u hamsin metri kwadri (450 mk). L-ewwel Qorti ma qalitx dan, izda qalet li l-kejl ta' dik l-art kien ta' erba' mija u disgha u sittin metri kwadri (469 mk). Din il-Qorti taqbel mal-kalkolu li *"due mondelli e cinque misure"* jekwivalu ghal erba' mija tmienja u sittin punt disgha u tletin metri kwadri (468.39mk). Ghalhekk mill-punto di vista tal-kejl diga` hemm differenza bejn l-art li giet assenjata lil Paolo Sultana u dik li giet akkwistata minghand il-konvenuta appellata li ghandha kejl ta' hames mija tnejn u sittin metri kwadri (562 mk).

Fit-tieni lok ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-deskrizzjoni tal-fondi, l-art li giet assenjata lil Paolo Sultana hija deskritta bhala *"giardino posto in Casale Caccia denominato Tal-Harruba, nella contrada Tal-Ghejjun"* filwaqt li l-art li giet akkwistata minghand il-konvenuta appellata hija deskritta bhala *"l-ghalqa maghrufa bhala Tal-Gebel jew Tal-Harruba fi Triq Parsott, Xaghra"*. Fil-"Vocabolario della Lingua Italiana" ta' Zingarelli (7ma. Ediz. 1952) "giardino" huwa definit bhala:

*"Terreno circondato da muro o da siepe dove si coltivano piante per delizia."*

Din il-Qorti ssib tali definizzjoni ferm aktar preciza u idoneja minn dak li gie gratuwitament suggerit mill-attur appellant.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda wkoll taqbel mal-osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti f'dan ir-rispett, jigifieri li dan jindika gnien solitament imdawwar bil-hitan.

Fl-ahharnett, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-irjiehat taz-zewg proprjetajiet. Ghalkemm huwa difficli li jsir tqabbil ta' dawn l-irjihat minhabba t-trapass taz-zmien, din il-Qorti tinnota li identifikazzjoni tal-irjihat tista' ssir u dan mill-inventarju li Francis Theuma l-appellant kien ghamel tal-beni ta' Francois Sultana fl-Atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo fid-19 ta' Lulju 1984. F'dan l-inventarju, li jinsab a fol. 93 u 94 tal-process, l-attur appellant iddeskriva l-beni li Francois Sultana, bin Paolo Sultana, kellu Ghawdex. Ghalhekk hija konkluzzjoni logika li l-art li kienet giet assenjata lil Paolo Sultana fil-1894, kellha tigi inkluza f'dan l-inventarju. Fil-fatt f'dan l-inventarju hemm inkluz bhala parti mill-beni ta' Francois Sultana:
*"il-bicca art imsejha "Tal-Harrub" sive "Ta' Parsott" fix-Xaghra tal-kejl ta' circa erba' mija u hamsin metri kwadri (450sq.m.) u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Emanuel Sultana, nofsinhar ma' beni ta' certu Attard u punent ma' Triq Parsott …"*

7. Ghalhekk jirrizulta sufficjentement car u manifest li l-art li l-attur appellant qieghed jallega li kienet ta' Paolo Sultana u li ghalhekk ma setghetx tigi akkwistata mill-konvenuta appellata m'hijiex l-istess art. Dan jirrizulta mill-kejl fejn l-art tal-konvenuta appellata hija ta' hames mija tnejn u sittin metri kwadri (562 m.k.), filwaqt li dik tal-attur appellant hija ta' erba' mija u hamsin metri kwadri (450 m.k.) – ghalkemm kif jidher mill-kuntratt ta' divizjoni tat-3 ta' Lulju 1894, dan il-kejl kellu proprjament ikun ta' erba' mija tmienja u sittin punt disgha u tletin metri kwadri (468.39 m.k.). Finalment jirrizulta wkoll mill-irjihat ghaliex kemm il-konfini min-nofsinhar u mit-tramuntana ma' jaqblux.

8. Fl-ahharnett, din il-Qorti tinnota wkoll li d-deskrizzjoni tal-art li l-attur appellant ghamel fl-inventarju fl-Atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo hija identika ghal deskrizzjoni li hemm fi stima li kienet saret mill-Perit Joseph Dimech fil-21 ta' Novembru 1973. F'din l-istima, li tinsab a fol. 194 tal-process, din l-art hija deskritta bhala;
*"Raba Tal-Harruba sive Tal-Parsott – Dan il-fond huwa fabrikabbli u tal-kejl ta' sighajn u erba kejliet (2mon. 4mis) u jmiss tramuntana ma beni ta' Emmanuel Sultana,*

*nofsinhar ma' beni ta' … Attard u punent ma' Triq Parsott."*

Din l-istima kienet giet annessa ma' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi datat 4 ta' Dicembru 1973, li fih Maria u Angela xebbiet Theuma, tfal ta' Carmelo u Caterina Theuma, kienu bieghu lil Francis Theuma, l-appellant, dar li tinsab ix-Xaghra, Ghawdex. Kif hemm miktub aktar 'il quddiem fil-kuntratt, dawn il-proprjetajiet kienu jiffurmaw parti mill-wirt ta' Carmelo u Caterina Theuma.

9. Ghalhekk din il-Qorti bhal dik ta' qabilha, hija konvinta li l-art li giet akkwistata mill-konvenuta appellata m'hijiex l-istess art li l-attur appellant qieghed jallega li hija ta' Paolo Sultana u ghalhekk l-aggravji tieghu huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-attur appellant Francis Theuma u ghalhekk tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, (Ghawdex), Superjuri Gurisdizzjoni Generali tas-26 ta' Gunju 2006, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imsemmi attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------